# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru: 408/2014 CSH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Franco Muscat**
2. **Raina Iris Muscat**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar is-17 ta' Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef, seba' mija u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€8,750.46) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' taghhom mal-Bank of Valletta plc (Dok A u Dok B1 sa B2), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *Loan* u *Overdraft* gew moghtija lilhom permezz ta' skritturi privati datati 12 ta' Novembru 2009 (Dok. "C") u 9 ta' Dicembru 2011 (Dok. "D").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok. "C" u "D")

partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Franco Muscat u Raina Iris Muscat (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 7 ta' Jannar 2014 (Dok. "E") u 14 ta' April 2014 (Dok. "F") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata minn Raina Muscat fl-4 ta' Frar 2015 fejn esponiet:

1. *"Illi preliminarjament l-esponenti mhijiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet tal-bank attur billi l-facilita' ta' overdraft inghatat dwar negozju li minn dejjem kien gestit mill-konvenut Franco Muscat wahdu, u ghalhekk hi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi l-esponenti fl-ebda hin u waqt, ma dahlet f'xi ftehim mal-bank attur dwar il-loan account li ghalih saret referenza fit-talba odjerna. Difatti minkejja diversi talbiet, l-esponenti ma inghatat ebda informazzjoni dwar l-ammont li gie reklamat mis-socjeta' attrici permezz tal-ittra ufficjali datat 7 ta' Jannar 2014 u giet biss mgharrfa li din l-informazzjoni tista' tinghata biss lil zewgha l-konvenut (Franco Muscat), li mieghu tinsab ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni.*

3. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ma tista' qatt tbati d-dejn reklamat mill-bank attur, u dai ai termini tal-Artikolu 1327 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-esponenti qieghed jigi kontestat stante li mid-dokumenti prodotti mat-talba prezentata mill-bank attur, ma hemmx indikazzjoni cara dwar kif dan wasal ghas-somma ta' tmint elef, sebgha mija u hamsin Ewro u sitta w erbghin centezmu (€8,750.46) mitlub minnu.*

5. *Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju, u semmai it-talba attrici ghandha tintlaqa' biss fil-konfront tal-konvenut Franco Muscat.*

6. *Illi l-esponent m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."*

Rat illi l-konvenut Franco Muscat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni fejn twahhal kopja tar-rikors promotur fl-ghassa tal-Pulizija tal-Birgu u fil-Kunsill Lokali tal-istess lokalita' Birgu nhar it-12 ta' Marzu 2015 kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxall Charles Cassar fol. 41 tergo tal-process.

Rat ukoll li l-konvenut Franco Muscat gie notifikat bir-rikors promotur permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Marzu 2015 (fol. 42) u fil-gazetta lokali The Malta Independent ta' nhar is-26 ta' Marzu 2015 (fol. 77) u fil-gazzetta lokali l-Orizzont nhar is-26 ta' Marzu 2015 (fol. 78) izda baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Fit-12 ta Mejju, 2015 xehdet **Marie Elizabeth k/a Marisa Debono** li ddikjarat li tokkupa l-kariga ta' Relationship Manager Recoveries Department u li fil-fatt hija tiehu hsieb il-kont *Loan and Overdraft* f'isem Franco u Raina Muscat. Qalet li l-Overdraft infetah f'Novembru 2009 filwaqt li l-*loan* l-ohra nfethet f'Settembru 2008.

Rigward l-*Overdraft Facility* li nfethet fit-18 ta' Novembru 2008 qalet li din infethet f'isem Franco u Raina Iris konjugi Muscat. Esebiet kopja tas-*Sanction Letter* relattiva li giet immarkata bhala Dok. CSH, l-*opening forms* relattivi ghall-ftuh ta' dan il-kont Dok. CSH1 kif ukoll *Mandate Form* Dok. CSH2. Skont il-*Mandate Form* jidher li '*any of the two can sign'*. Ikkonfermat li l-bilanc dovut fuq dan il-kont sas-17 ta' Novembru 2014 huwa €5,974.63, pero' f'dan l-ammont m'humiex inkluzi l-imghaxijiet mit-18 ta' Novembru 2014 sal-lum. Ikkonfermat li nel frattemp ma sar l-ebda depozitu.

Il-*Loan Account* infetah fis-26 ta' Settembru 2008 minn Franco Muscat li huwa credit card holder u kien jintuza ghall-business u fuqu kellu limit ta' €3,500. Hija esebiet *Sanction Letter* relattiva ghal dan il-kont li giet immarkata bhala Dok. CSH3. Ziedet li fuqu hemm debitu ta' €2,775.83.

In kontro-ezami x-xhud qalet li ma tafx jekk il-bank irceviex xi ittra ufficjali minghand Raina Muscat biex twaqqaf il-prokura generali li kellu zewgha u ppromettiet li tivverifika.

**Marie Elizabeth Debono** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta regghet xehdet fid-9 ta' Marzu, 2016. Iddikjarat li effettivament il-kontijiet kienu nbidlu w filfatt hemm tnejn.

B'referenza ghall-kont numru 40018636808 intestat f'isem Franco u Raina Iris Muscat, qalet li llum dan inbidel u n-numru tieghu huwa 40022815783 u dan huwa l-*Overdraft*. Sostniet li dan it-tibdil sar minhabba ezercizzju tal-bank fejn inbidlu n-numri tal-kontijiet. Ziedet li hemm kont iehor li qabel kellu n-numru 40020480466 li in segwitu sar 40022815877 u dan ukoll huwa ntestat lil Franco u Raina Iris Muscat u huwa *credit card loan*. Iddikjarat li l-kontijiet kollha huma ntestati f'isem Franco u Raina Iris Muscat.

B'referenza ghad-dokument esebit in atti a fol. 92 datat 9 ta' Dicembru 2011 qalet li f'dan il-kaz kien hemm credit card li kien jintuza b'mod normali minn Franco Muscat u peress li dan ma kienx qed jaghmel il-pagamenti b'mod regolari mensilment, kellha tinbidel f'*loan* u l-*card* twaqqaflu. Spjegat li hija procedura tal-bank li meta *credit card* tinqaleb f'*loan*, tigi miftuha f'isem il-konjugi konguntivament, pero' ziedet li originarjament l-applikazzjoni kienet saret biss f'isem Franco Muscat.

Ix-xhud **Maria Elizabeth Debono** xehdet ghal darb'ohra fis-27 ta' April, 2016. Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. S li huwa statement dwar il-VISA Card intestata f'isem Franco Muscat. Esebiet ukoll statement of account ta' *Simple Interest* rigwardanti *Overdraft Facility* li nghatat lil Franco u Raina Iris Muscat. Dan gie mmarkat bhala Dok. S1. Esebiet *Statment of Account* ta' *Simple Interest* fuq *Credit Card Loan* f'isem Franco u Raina Muscat li gie mmarkat bhala Dok. S2.

**Marisa Debono** ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehdet fis-6 ta' Lulju, 2016 u esebiet zewg *Statements of Accounts* li qed gew immarkati bhala Dokument S3 u S4 relatati ma' zewg kontijiet mertu tal-kawza. Minnhom jidher l-operat tal-istess kontijiet mill-bidu sal-ahhar. Id-dokument S3 gie mmarkat minnha stess bhala Dokument X1 sa X53 b'mod

individwali. Dan jirreferi ghall-*Business Overdraft*. Id-Dokument S4 huwa il-credit card li sussegwentement inqalbet f'loan u li huwa immarkat internament minnha bhala Dokument Y1 sa Y43. Mistoqsija min ha d-decizjoni sabiex il-*credit card account* jinbidel ghal-*loan* wiegbet li din hija decizjoni li johodha l-bank stess meta jara li l-*credit card* ma tkunx qed tigi mhallsa. Ikkonfermat li l-credit card in kwistjoni kienet fuq isem Franco Muscat biss, pero' spjegat li meta tinqaleb f'loan, minhabba l-komunjoni tal-akkwisti, l-loan tigi miftuha *joint*, kemm fl-isem ta' Franco Muscat u l-mara tieghu Raina Muscat. Mistoqsija jekk tawx informazzjoni lil Raina Muscat, sostniet li effettivament huma jkunu baghtu s-Sanction Letters li jinsabu inseriti fl-atti, liema Sanction Letter tkun *in joint names*. Ziedet li kif jirrizulta mid-dokument ezebit, l-interessi jigu *charged at eight per cent* (8%). Ix-xhud qalet illi ma jirrizultax li effettivament Raina Muscat kienetipprezentat xi ittra ufficjali rigwardanti dawn il-kontijiet.

Fid-9 ta' Dicembru, 2015 xehdet **Raina Muscat** fejn qalet li zewgha Franco Muscat jghix mal-genituri tieghu u l-indirizz huwa 11, St. Lawrence, Triq in-Nevew, Haz-Zabbar. Giet murija d-dokumenti ezebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument CSH u CSH1 kif ukoll Dokument CSH2. Saritilha referenza ghad-dokument a fol. 83 li jispicca a fol. 86 u kkonfermat li kemm a fol. 86, kif ukoll fuq id-dokumenti CSH u CSH1 hemm il-firma taghha. Mistoqsija kemm kien ghadda zmien meta marret il-bank wara li ffirmat dawn id-dokumenti, qalet li ma tiftakarx, izda tghid li kienu ghaddew xi xhur. Dan tafu ghaliex kienet irceviet xi ittra mill-bank fejn giet mgharrfa li l-loan tal-VISA nqaleb ghal fuq il-loan l-iehor u marret tkellimhom dwar dan.

Meta gie suggerit lilha li effettivament iz-zewg kontijiet baqghu separati, qalet illi dan mhux minnu ghaliex meta marret titkellem ma' tal-bank, dawn

kienu qalulha li effettivament dawn iz-zewg *loans* kienu inghaqdu f'wiehed u wkoll li ma kien hemmx bzonn il-firma taghha biex din il-haga ssir.

Sostniet li meta ffirmat dawn il-karti diga' kellha problemi mar-ragel, pero' hu kien qalilha li l-flus kien diga' hadhom. Hija kienet taf li ha *overdraft* ta' 'il fuq minn hamest elef Ewro (€5,000) u ghalhekk iffirmat ghalihom.

Stqarret li kienet tat prokura lir-ragel, u fil-fehma taghha kien abbuza minnha. Qalet ukoll li din m'hijiex l-istess prokura li hija ezebita fl-atti. Dan b'referenza ghall-prokura generali li kienet tatu. Mistoqsija ghaliex kienet iffirmat il-prokura tal-bank, u cioe' dik li tinsab ezebita fol. 90 Dok CSH2 meta diga' kien hemm il-problemi, wiegbet li ma kinitx taf li qed tiffirma din il-prokura.

**Raina Muscat** xehdet in kontro-ezami nhar l-1 ta' Gunju, 2016 fejn iddikjarat li l-proceduri ghas-separazzjoni taghha minn ma' zewgha Franco bdew ghall-ahhar tas-sena 2010. Qalet li hija kienet baghtet ittra ufficjali lill-banek kollha sabiex jekk kien hemm xi prokura moghtija minnha favur zewgha tigi kancellata. Iddikjarat li taf li kien hemm *overdraft* mal-bank in konnessjoni mal-hanut tal-karozzi li jopera zewgha. Sostniet li ma kienitx taf bit-tieni kont li kien jintuza ghall-VISA Card tieghu personali. Dan in segwitu kien inqaleb bhala *loan* u hija saret taf dan permezz ta' ittra. Sostniet li ghall-*overdraft* kienet iffirmat izda mhux ghal-*loan*. Qalet li meta rceviet din l-ittra kienet marret il-bank fejn talbet informazzjoni dwar il-kont, u hemm qalulha li dan kien VISA Card personali tar-ragel taghha u ma setghux ituha informazzjoni dwarha u lanqas *statement*.

Rat ir-rikors tal-konvenut Franco Muscat, minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2016 fejn qal illi huwa "qatt ma gie notifikat fl-indirizz korrett li anke jidher fl-avviz, imma fl-indirizz ta' garaxx RCF Auto Parts and Car Accessories, P. Inglott Street, Xghajra Road, Zabbar li ilu maghluq u mhux fil-pussess tieghu u ghalhekk in-notifika ma saritx fl-indirizz korrett imma f'indirizz li mhux dak li titlob il-ligi. Illi in vista ta' dan huwa evidenti li n-notifika ma saritx skond ma tezigi l-ligi procedurali f'dan ir-rigward, b'mod specifiku f'Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

Ghaldaqstant il-konvenut Muscat talab lill-Qorti sabiex takkordalu d-dritt li jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Rat li din il-Qorti kienet ordnat notifika lill-bank attrici b'digriet taghha tas-6 ta' April 2016.

Rat ir-risposta tal-Bank attrici pprezentata nhar il-11 ta' April 2016 fejn inter alia ssolevat li kuntarjament ghal dak li allega l-intimat Franco Muscat mhux minnu li huwa gie notifikat f'garage kif allega hu fir-rikors tieghu izda gie notifikat fl-indirizz 23, Triq il-Miratur, Bigu kif del resto huwa registrat fir-registru elettorali.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 2016 fejn cahdet it-talba ta' Franco Muscat sabiex jipprezenta r-risposta tieghu.

Rat in-nota pprezentata mill-konvenuta Raina Muscat seduta stante fit-13 ta' Lulju, 2016, li permezz taghha, in segwitu' ghax-xhieda ta' Marisa Debono ghats-6 ta' Lulju 2016, ipprezentat kopja awtentika tal-ittra ufficjali intavolata minnha kontra Franco Muscat u li giet notifikat lis-socjeta' attrici, datata 5 ta' Settembru 2011.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2016 l-Qorti akkordat zmien lill-partijiet biex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi fis-27 ta' Lulju, 2016, is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ipprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Franco Muscat prezentata fl-atti nhar it-22 ta' Settembru 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Raina Iris Muscat prezentata fl-atti nhar il-5 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif tajjeb irrelevaw il-partijiet din il-kawza titratta fuq zewg kontijiet bankarji mahruga f'isem Franco u Raina sive Iris konjugi Muscat. Dawn kienu *Overdraft Account* bin-numru 40022815783 li qabel kien igib in numru 40018636808 u *Credit Card Account* bin-numru 40022815877 li qabel kien jaqra 40020480466.

Huwa minnu li l-kont overdraft kien jissejjah bhala Business overdraft kif jirrizulta mil-kliem tas-Sanction letter esebita fl-atti a fol 5 immarkata bhala Dok C datata 18 ta' Novembru 2009. Jinghad pero' li din is-Sanction letter harget kemm f'isem Franco Muscat kif ukoll f'isem Raina Muscat u iffirmata minnhom it-tnejn. Illi fl-atti hemm esebit ukoll kopja tal-*opening forms* ta' dan il-kont (Dok CSH 1 a fol. 88) kif ukoll il-*mandate form* (Dok

CSH 2 a fol. 90) u minn esami tal-istess jirrizulta li l-konjugi kienu awtorizzaw lil xulxin li jistghu jiffirmaw wahedhom. Fil-klawsola numru 3 tal-mandate form hemm imnizzel li "*we authorise you to deal with any one of us...*" B'hekk il-konjugi it-tnejn kienu mgharrfa b'dan il-kont ahhari u t-tnejn kienu jafu li kellhom access individwali kif ukoll kongunt ghal dan il-kont.

Dwar il-kont l-iehor dana kien Credit Card Loan account ukoll intestat f'isem il-konjugi Muscat skond is-Sanction letter datata 9 ta' Dicembru 2011 esebita fl-atti a fol 10 immarkata bhala Dok D. Jirrizulta pero' li dan il-kont infetah wara li l-bank kien kostrett jghalaq il-cedit card numru 4042810002244014. Minkejja li Marie Elizabeth Debono Relationship Manager Recoveries department tghid li dan il-kont ahhari kien intestat f'isem Fanco Muscat biss, fil-fatt ukoll huwa intestat f'isem il-konjugi Franco u Raina sive Iris Muscat. Jinghad f'din is-Sanction letter Dok CSH 3 rigward Credit Card Loan Account li din saret peress li l-bank kien kostrett li jikkancella il-credit card numru 4042810002244014 stante li kien hemm xi mandat ta' qbid pendenti fil-konfront taghhom. Ghalhekk il-bank ittrasferixxa id-debitu ghal dan il-Credit Card Loan Account. Ma jistax jinghad kif donnha riedet tfisser fin-nota taghha il-konvenuta li dan sar ad insaputa taghha ghaliex fil-fatt hija firmatarja ta' din l-istess *Sanction letter* (fol. 83 Dok CSH) u ghalhekk hi stess assumiet id-dejn li kien hemm registrat f'isem zewgha naturalment stante li bejniethom kien hemm vigenti il-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk iz-zewg kontijiet li hemm pendenti mal-bank huma f'isem il-konjugi Raina u Franco Muscat. M'hemmx dubju li tali kont ahhari li infetah sabiex jassumi d-dejn tal-Credit Card numru 4042810002244014 fil-fatt ikkreja novazzjoni ghaliex huwa kont gdid. Din il-Qorti ghalhekk

m'ghandheix ghalfejn tidhol u tara x'kien in-natura ta' dan il-kont stante li fuqu hemm iz-zewg firmatarji u cioe' il-konjugi Muscat.

Il-konvenuta qed tghid li m'ghandiex thallas l-ammont dovut fuq dan il-kont ahhari imsejjah Credit Card Loan Account ghaliex dan jikkontjeni id-dejn li zewgha kien ghamel in konnessjoni ma' negozju. Dan ghall-Qorti mhux ragunament ghaliex meta hija ffirmat is-sanction letter li assorbiet dan id-dejn, kienet tacitament qed taccetta li kienet qed tidhol responsabbli ghall-hlas tal-istess. Messha meta giet mitluba mill-Bank sabiex tiffirma dan l-att oggezzjonat u kkontestat in-natura tieghu. Haga li ma ghamlitx.

Il-Qorti ezaminat in-noti tal-partijiet li ukoll jaghmlu referenza ghal atti ta' amministrazzjoni ordinarja u dik ta' amministrazzjoni straordinarja. Bir-rispett kollu pero' il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol u tiddiskuti dawn l-atti u jekk tali kontijiet sarux ghal xi atti partikolari u dan ghaliex il-kontijiet it-tnejn kienu intestati f'isem il-konjugi u l-istess konjugi kienu firmatarji taghhom u ghalhekk ben konoxxenti ta' dak li kien ghaddej. Mhix skuza li l-konvenuta tghid li ma kinitx taf effettivament ghalxiex zewgha kien uza l-*credit card* tieghu antecidentalment. Dan ghaliex kieku kellha xi mistoqsijiet x'taghmel messha ghamlithom meta il-bank kien baghat ghaliha u talabha tiffirma s-Sanction letter il-gdida u kien proprju f'dak il-waqt li kellha tiribatti il-kontenut o meno tal-kont gja ezistenti li gie assorbit fil-Credit Card Loan Account.

Jinghad kif tajjeb gie rilevat fis-sentenza '**J & F Griscti Limited vs Jesmond Sant u Rita Sant**' deciza fl-10 ta' Jannar 2007 li l-uniku mezz biex jigu annullati atti li jkunu ta' amministrazzjoni straordinarja ma jistghux jigu sollevati in via di eccezzjoni f'kawza. Ghalhekk anke in pessima ipotesi li huwa minnu li dan il-kont kien ikopri spejjes ta' natura straordinarja, din mhix il-metodu kif tali debitu ghandu jigi kontestat.

Fil-kaz odjern meta l-konvenuta iffirmat is-sanction letter fuq l-kont Credit Card Loan Account hija tacitament accettat dak id-dejn u ma kkontestatx in-natura tieghu u ghalhekk illum hames snin wara ma tistax tigi u tghid li hija m'ghandiex tigi ikkundannata thallas dan id-dejn. Stante li kien hemm l-accettazzjoni taghha tacita lanqas ma tista' l-konvenuta tinizja proceduri ai termini tal-Artikolu 1326 (5) tal-Kapitolu 16 u dan ghaliex tali artikolu jipprovdi li parti tista' titlob ghall-annullament ta' att meta ma tkunx irratifikat dak l-att espressament jew tacitament.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Raina sive Iris Muscat u tilqa' it-talba tal-bank atrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuti <u>in solidum</u> sabiex ihallsu s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' tmint'elef, seba' mija u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€8,750.46) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 7 ta' Jannar 2014 (Dok. "E") u 14 ta' April 2014 (Dok. "F") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikor promotur a karigu tal-konvenuti in solidum.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**